MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2008

Numru 326/2006

Il-Pulizija
(Spettur Carmel Abdilla)

vs

Giovanna Saliba Casabene

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-akkuzata detentrici tal-karta ta' identita' numru 501473(M) talli f'dawn il-gzejjer nhar il-31 ta' Mejju, 2005 gewwa St. Andrews Pembroke quddiem, u/jew fil-vicinanzi:

1. volontarjament hassret jew gharrqet hwejjeg haddiehor u cioè vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAI-049 ta' ghamla Mazda 323 ghad-dannu ta' Giuseppa Saliba minn tas-Sliema liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltin izda anqas minn hames mitt lira Maltin dan ai

terminu tal-artikolu 325 (1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. u aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ingurjat bil-kliem lil Joseph Saliba u wkoll talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, kissret il-bon ordni u l-paci pubblika.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Billi jirrisulta mill-kwerelant li l-hsara ma tiskorrix il-Lm50 u l-kwerelant rrinunzja u irtira l-kwerela ghalhekk hemm precediment esawrit fil-konfront ta' l-ewwel akkuza.

Dwar it-tieni akkuza billi m'hemmx provi u ghalhekk ma tirrizultax qeghda ghalhekk il-Qorti tillibera l-imputata minn din l-akkuza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------